Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru. 244/2002

Il-Pulizija
(Spettur Denise Mula)
vs
Riad Mabruk El Masri Hagi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Riad Mabruk El Masri Hagi, detentur ta' passaport Nru H487627, li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli matul l-ahhar jiem f'dawn il-gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

U aktar talli matul l-ahhar xhur, minghajr ma inghata permess ta’ residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr premess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni bi ksur tal-Art 5 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli ikkommetta l-istess reati fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija ta’ xahrejn sospizi ghal tmintax il-xahar kif moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat C Scerri Herrera LL.D.) datata 27 ta’ Awissu 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tiddikjara lill-imsemmi Riad Mabruk El Masri Hagi bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta’ tnehhija kontra tieghu skond l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi minkejja illi l-avukat difensur tal-imputat inghata xahrejn zmien biex jipprepara d-difiza tieghu, waqt is-seduta tal-14 ta’ Mejju, 2003 l-avukat difensur tal-imputat ma deherx u l-Qorti dakinhar jigifieri fl-14 ta’ Mejju, 2003 tat xahar zmien lill-Prosekuzzjoni sabiex tipprezenta Nota tal-Osservazzjonijiet bil-visto tad-difensur tal-imputat li jkollu xahar zmien ukoll sabiex jipprezenta Nota. Madanakollu la l-Ufficjal Prosekutur u lanqas l-imputat ma ipprezentaw Nota ta’ l-Osservazzjonijiet. Illi waqt is-seduta tat-12 ta’ Settembru 2003, l-Ispettur Mula iddikjarat illi ma kellhiex bzonn taghmel Nota ta’ Sottomissjonijiet, madanakollu l-

imputat talab estenzjoni tat-terminu illi fih kellu jipprezenta nota ta' Sottomissjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u tatu zmien gimghatejn minn dakinhar sabiex jipprezenta din in-Nota. Nonostante cioe' ma giet ipprezentata l-ebda nota u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi ghandha;

Illi xehdet l-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi f'Marzu tas-sena 2002 kien instab l-imputat f'Malta wara li kienet skaditlu l-viza. Ratu l-Ufficjal Prosekutur u gharfitu bhala persuna li diga kienet giet Malta qabel u kien gie deportat. Hija staqsietu kif rega' dahal u meta kienet qeghda tara l-passaport ta' l-imputat indunat illi kien sar tibdil f'ismu fuq il-passaport tieghu.

Fuq talba tal-Prosekuzzjoni il-Qorti hatret espert sabiex jistabbilixxi jekk fil-fatt kienux gew mibdula l-ittri ta' isem l-imputat fuq il-passaport tieghu.

L-espert mahtur mill-Qorti Joseph Gaffiero ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu u ikkonkluda illi t-tieni numru tal-passaport tal-imputat huwa mibdul minn 3 ghal 8. L-isem ma jaqbilx fil-kliem, jaqra EL MASRI flok EL MANI u HAGHIN flok HAGI. L-espert ghandu suspett illi l-kelma HAGHIN hija imbaghbsa u tista tkun mizjuda.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti taqta u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni peress illi ma giex ippruvat illi it-tibdil jew falsifikar fil-passaport tieghu effettivament sar minnu. Pero' issibu hati tat-tieni imputazzjoni u cioe' talli xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat u dan wara li l-Qorti rat l-Artikolu 189 tal-Kap 9. Il-Qorti qeghda issib lill-imputat ukoll hati tat-tielet imputazzjoni u cioe talli matul l-ahhar xhur minghajr ma inghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 5 tal-Kap. 217. Qeghda ukoll issibu hati talli ikkommetta dawn ir-reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija ta' xahrejn sospizi ghal tmintax il-xahar moghtija b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Awissu, 2001, liema sentenza saret definittiva u ma

tistax tinbidel. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28B tal-Kap. 9, il-Qorti qeghda tordna li l-imsemmija sentenza ghandha tibda issehh minnufih. Inoltre l-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, tat-tieni, tat-tielet, u tar-raba imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, ghal disa' xhur prigunerija u tordna li wara li jkun skonta s-sentenza tieghu ta' prigunerija kif ukoll is-sentenza sospiza imsemmija illi l-Qorti ordnat illi ghandha tibda issehh minnufih ghandu jitnehha minn Malta ai termini tal-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217. Il-Qorti wara illi rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9, tordna wkoll illi fi zmien xahar mil-lum il-hati jhallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------